XGHAJRA

Minuti tal-27 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 29 ta' Novembru, 2011, fis-6.00pm.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Viċi Sindku | Joseph Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieġ |
| | Marie Claire Decelis - Skużatha |
| | Mario Buhagiar |

**L-Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru.1 Fuq l-Aġenda – Attendenza w apoloġiji – Kullħadd preżenti barra Sinj. Claire Decelis li kienet skużatha .

2. Item Nru. 2 fuq l-Aġenda - Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew moqrija mis-Sindku u ġew approvati unanimament.

3. Item Nru.3 fuq l-Aġenda- Matters Raising – Punti li joħorġu mill-Minuti li ġew moqrija

3.1. L-applikazzjoni ta' l-ERDF – Is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex nibgħatu xi emails lill-PPCD biex naraw f'hiex waslet l-applikazzjoni sabiex jitkompla l-proġett tal-Belveder.

3.2. Rigward il-Photovoltaic, is-Sindku qal li waslulna l-pjanti tal-pannelli mingħand l-Alberta. Fuq dawn il-pjanti kellimna lil Perit tal-Kunsill sabiex jiġi jara l-bejt jekk hux to standard biex jitwaħħlu dawn il-pannelli. Il-Perit qalilna li x'aktarx ser ikollna bżonn nagħmlu xi travi biex jitwaħħlu fuqhom. Apparti hekk hu qalilna li ser jaħdem fuqha u ser jibgħatilna l-informazzjoni dettaljata.

4. Item Nru.4 fuq l-Aġenda - Korrispondenza.

4.1. Dik il-korrispondenza t'importanza ġiet moqrija.

XGHAJRA

4.2. Is-Sindku qal li rċevejna ittra b'applikazzjoni għal nisa li jixtiequ jkunu bħala child carers fil-ħinijiet ta' qabel u wara l-iskola. Is-Sur Valvo kompla u qal li tajjeb ninfurmaw lill-pubbliku li min huwa nteressat jista' jiġi l-Kunsill sabiex nghinuħom japplikaw.

5. Item Nru 5. fuq l-Aġenda – Ġie approvat u ratifikat l-infieq tax-xhar t'Ottubru, 2011

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Town Twinning

6.1. Town Twinning – Is-Sindku qal li fuq il-ġemellaġġ għandna CD minn għandhom b'informazzjoni fuq il-villaġġ ta' Colletorto u min jixtieq jarah qiegħed għandu. Ir-rapport tal-Ġemellaġġ sar u ntbgħat w issa nistennew li nirċievu l-fondi.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Proġett tal-Belveder/Recreational Centre

7.1. Is-Sindku qal li bħalissa għandna 3 applikazzjonijiet sabiex inġibu aktar fondi u dan il-proġett ikun jista' jitkompla u jitlesta kompletament. Għandna applikazzjoni ta' l-EU mill-programm ERDF u żewġ applikazzjonijiet ta' skemi tad-Dipartiment, li jinkorporaw il-madum ta' kullimkien, il-fencing kif ukoll is-sanitary ware u l-flooring tal-bandli. (Memos 66/2011 u 87/2011)

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda – SSTP

8.1. Is-sindku qal li kellna laqgħa mall-Prof. Axiaq fejn tkellimna fuq ir-rapport tal-baħar li ħadem fuqu huwa stess u kkonfermalna li l-baħar għamel kambjament u avvanż kbir.

Is-Sindku nforma l-Kunsill li issa l-Steering Committee mal-Water Services ser jiltaqgħa fis-6 ta' Diċembru. Tajjeb li kulħadd ikun preżenti.

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda - Storm Water Outfall f'Ta' Barkat

9.1.Is-Sindku nforma lil Kunsill li fil-5 ta' Diċembru ser ikollna laqgħa mal-Bord tal-MEPA rigward dan. L-Applikanti (MRRA) orriġinalment għamlu l-proposta tagħhom li jsir f'ta' Barkat, pero' hemm l-alternattiva l-oħra, li jsir fuq il-kosta iżjed lejn M'Scala.

XGHAJRA

10.Item Nru 10 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

10.1. Is-Sindku qal li għandna rapport mill-MOU fuq ir-restawr tal-Fortizza u tajjeb nerġgħu nieħduh bis-serjeta' biex nippruvaw nirrestawrawh b'xi fondi.

10.2. Konna ddeċidejna li niżviluppaw id-dawra ta' barra tal-Batterija "Fort Park" *f'Adventure & Recreational Facility* imma l-Mepa dak iż-żmien qalulna li kien ODZ u li ma nistgħux niżviluppawh, pero' issa mid-dehra l-affarijiet inbidlu.

10.3. Is-Sindku nforma lil sħabu l-Kunsilliera li l-Bye Law fuq Riklamar fit-Toroq ġiet ippublikata fuq il-Gazzetta tal-Ġvern.

10.4.Is-Sindku qal li mportanti nibgħatu ittra lis-Segretarju tax-Xgħajra Tornadoes li wara laqgħa tal-Kunsill ġie deċiż li jekk iridu jagħmlu adverts, il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni pero' jridu jaraw li jkunu konformi mal-permessi tal-MEPA u l-KMS.

11. Item Nru 11 fuq l-Aġenda – Aġġornament

Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta , 3 ta' Jannar, 2012 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| ------------------------------------ | ---------------------------- |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |